**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' April, 2017**

Kawza Numru: 12/2017JB

Numru: 4

**Paul Cini (K.I.: 33687G)**

***vs***

**Melissa Zammit (K.I.: 395294M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-3 ta' Marzu 2017 fejn l-Attur talab li l-Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' erba' mija u tmenin euro (€480) rapprezentanti penali li saru dovuti skond kuntratt fl-Atti tan-Nutar Kristen Dimech tal-11 ta' Dicembru 2013 stante li l-Konvenuta naqset milli tikkonsenja kopja tal-att ta' trasferiment ta' proprjeta. Talab ukoll l-ispejjez, inkluz dawk ta' ittra ufficcjali, u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-23 ta' Marzu 2017 (a fol 4);

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti (a fol 2ter), il-Konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment u lanqas ma deheret ghas-smigh;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata'*

*sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, l-Attur irnexxielu jipprova t-talba fil-waqt li l-Konvenuta ma ressqet ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenuta thallas lill-Attur is-somma ta' €480 bl-imghax skond il-ligi. Spejjez a karigu tal-Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Diane Farrugia
*Deputat Reġistratur*